MELLIEHA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SITT KUNSILL**

SEDUTA NRU. 34

15 ta' Frar 2010

Minuti tal-Ewwel Parti tas-Seduta Nru. 34 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq Il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn 15 ta' Frar 2010.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha, minbarra l-Kunsillier J. Buttigieg li kien skużat.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## 1.0. Minuti

1.1. Is-Sindku u l-Kunsillier J. Azzopardi aċċennaw għall-minuta 15.1. (Ref: E/1/3/Vol IV) tas-seduta preċedenti u talbu li din tiġi emendata kif jidher hawn taħt:

*"15.1. Is-Sindku għarraf li wara talba mill-management tar-Ramla Bay Hotel, għaddejjin kuntatti sabiex jitwaħħlu lampi fuq l-arbli fit-triq li twassal għal-lukanda. Huwa qal li fuq talba tas-Segretarjat Parlamentari responsabbli mit-Turiżmu huwa talab lill-contract manager – Galea Curmi Engineering Consultants - jagħmlu stima tax-xogħol u l-materjal involut. Huma stmaw li dan il-proġett jinvolvi spiża ta' €55,000. Is-Sur R. Cutajar kompla jgħid li hemm interess min-naħa tal-lukanda li tagħmel tajjeb għal €15,000 mill-ispiża, filwaqt li l-Gvern joħroġ €20,000 u oħra €20,000 issir talba għalihom mill-Kunsill permezz tal-Environment Initiative in Partnership Programme amministrat mill-MEPA. Saret proposta sabiex id-differenza jagħmel tajjeb għaliha l-Kunsill Lokali.".*

1.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi rrefera għall-minuta 4.2.4. (Ref: F/1/7/Vol II) tas-seduta preċedenti u ppropona li tinqara kif jidher hawn taħt:

*"4.2.4. Kif ġie ssuġġerit diversi drabi mill-Kunsillier J. Azzopardi, il-Kunsill iddeċieda li għandha ssir talba ħalli tiġi installata sistema ta' pannelli fotovoltaiċi fi Ġnien Dun Anton Debono, sabiex jitnaqqas il-konsum tal-elettriku f'dan il-post li jinkludi fih l-proġett ta' afforestazzjoni f'Tal-Ibraġ.".*

1.3. Il-Viċi Sindku E. Bartolo rrefera għall-minuta 11.2. (Ref: T/5/1/Vol II) tas-seduta preċedenti u talab li tinqara kif ġej:

*"11.2. Il-Viċi Sindku E. Bartolo għarraf li fit-12 ta' Jannar 2010 huwa kellu laqgħa dwar is-suġġett t'hawn fuq mas-Sinjuri Emanuel Delia mill-Ministeru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni, David Sutton u Felix Gauci mill-Awtorita` tat-Trasport. Bil-għajnuna tal-pjanti pprovduti, is-Sur E. Bartolo spjega li fl-istess laqgħa ġiet diskussa l-intenzjoni tal-Kunsill illi r-rotot ewlenin li jgħaqqdu ma' irħula oħra għandhom jevitaw Triq Ġorġ Borg Olivier. Sabiex ma jinħoloqx inkonvenjent ġie propost li għandhom jiġu ntrodotti żewġ feeder lines li jingħaqdu mar-rotot ewlenin fi Triq il-Kbira, bejn Triq l-Etna u Triq in-Naħal. Waħda sabiex tkopri ż-żoni Tal-*

*Ibraġ, Santa Marija Estate, u Mellieħa Heights, filwaqt li feeder line oħra (FL01) tkopri l-parti ta' ġewwa ta' Triq il-Kbira, Triq Ġorġ Borg Olivier, Triq Franġisk Zahra, Triq Adenau, Triq l-Erwieħ, Triq is-Santwarju, Triq Ġnien Ingraw, Triq Qasam Barrani, Triq Vincenzo Ciappara, Triq il-Muna, Triq il-Mithna l-Ġdida, Triq l-Għorgħar, Triq Ta' Masrija u lura fi Triq il-Kbira. Matul ix-xhur tas-sajf, ir-rotta tal-aħħar hija ntiża wkoll li tkopri sar-roundabout tal-Mellieħa Holiday Centre.".*

1.4. Il-minuti tas-seduta Nru. 33 li saret fit-18 ta' Jannar 2010 ġew approvati u ffirmati bl-emendi mressqa.

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 2.1.1. Żjara mill-Patrijarka tal-Knisja Ortodossa Sirjana (M/6/Vol V)(R/2/Vol II)

2.1.2. Il-Viċi-Sindku E. Bartolo rrefera għall-minuta 2.3.2. tas-seduta preċedenti u ttieħdu ritratti dwar l-istat li tinsab fih il-kappella li hemm fuq il-Gżejjer ta' San Pawl. Huwa qal li dawn għandhom jiġu mgħoddija mill-Kunsillier J. Buttigieg li beda kuntatti dwar dan is-suġġett mal-Perit Norbert Gatt mit-Taqsima tar-Restawr, fi ħdan id-Dipartiment tax-Xogħlijiet.

2.1.3. **Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet.**

### 2.2.1. Estensjoni tal-bini tal-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill (K/1/2/Vol IV)

2.2.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.1.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li l-*Contracts Manager* issottometta rapport dwar tliet alternattivi kif jista' jiġi estiż l-uffiċċju amministrattiv, ossija:

- Il-kiri ta' fond bħala estensjoni għall-uffiċċju eżistenti;
- Il-bini ta' sular ieħor fuq l-uffiċċju eżistenti; u
- Xiri ta' fond ieħor separat minn dak eżistenti.

2.2.3. Dwar il-kiri tal-post, il-Perit J. Attard ikkummenta li dan ikun jinvolvi spiża biex jinġieb funzjonabbli, filwaqt li jkun jirrikjedi manutenzjoni regolari. L-effett ta' dawn l-ispejjeż jisfuma fix-xejn, kemm-il darba tintemm il-kirja. F'każ li jinbena sular ieħor, dan ikun irid jiġi rtirat 'il ġewwa mill-faċċatta u għalhekk l-area tonqos b'mod sostanzjali. Ix-xiri ta' fond hija l-aktar waħda rakkomandabbli, partikularment jekk il-post ikun viċin jew imiss ma' l-uffiċċju eżistenti. Dan huwa vitali sabiex jiġu evitati problemi ta' organizzazzjoni.

2.2.4. Il-Perit Attard għamel ukoll evalwazzjoni tal-bini li kien il-Mellieħa Sports Club, fi Triq il-Madonna Ta' Fatima, kantuniera ma' Triq il-Parroċċa.

2.2.5. Fid-dawl tad-dikussjoni li kien hemm fis-seduta preċedenti, meta deher li kien hemm kunsens ġenerali li l-Kunsill għandu jikkonsidra x-xiri tal-Mellieħa Sports Club, is-Sindku ppropona li f'dan l-istadju għandha ssir laqgħa mal-kumitat tal-istess klabb sabiex jibdew in-negozjati dwar il-prezz.

2.2.6. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li biex isir xiri ta' proprjeta` ikun jeħtieġ li ssir sejħa għall-offerti, iżda f'dan il-każ jagħmel sens li biex jinżamm il-bini attwali u jitniffed mal-Mellieħa Sports Club, jeħtieġ li jsir negożjar dirett. Fi kwalunkwe każ irid jinġieb il-permess bil-miktub tal-Ministru responsabbli mill-Kunsilli Lokali qabel jibdew in-negozjati.

2.2.7. Il-Kunsill qabel li għandha tiġi segwita l-proċedura ndikata mis-Segretarju.

### 2.3.1. Żjara mill-Patrijarka tal-Knisja Ortodossa Sirjana (M/6/Vol V)

**2.3.2.** Is-Sindku aċċenna għall-minuta 2.3.1. Is-Sur R. Cutajar għarraf li huwa tkellem maċ-*Chairperson* tal-Kumitat Organizzattiv dwar iż-żjara tal-Papa Benedittur XVI u talab li l-Mellieħa, jew għallinqas il-Gżejjer ta' San Pawl għandhom jiġu nklużi fl-itinerarju taż-żjara. Irriżulta li l-loġistika kollha ġiet ippjanata mill-Kurja u mhux min-naħa tal-Gvern.

**2.3.3.** Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.4.1. Laqgħa Ġenerali għar-residenti tal-Manikata (M/1)

**2.4.2.** Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.6.1. tas-seduta preċedenti u għarraf fit-28 ta' Jannar 2010 saret il-laqgħa msemmija. Intlaħaq qbil fost dawk preżenti li għandu jiġi ffurmat il-Kumitat Residenti Manikata li ser ikun kostitwit kif jidher hawn taħt:

| | |
|---|---|
| President | Peter Seychell |
| Segretarju | Frank Farrugia |
| Tezorier | Simon Ciantar |
| P.R.O. | Martin Chircop |
| Membri | Gordon Formosa |
| | Mary Micallef |
| | Joseph Portelli |

**2.4.3.** Is-Sur R. Cutajar ikkummenta li kien hemm attendenza tajba. Min-naħa tal-Kunsill, flimkien miegħu attendew il-Kunsillieri J. Azzopardi, J. Buttigieg, u H. Fenech.

**2.4.4.** Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.5.1. Ħannieqa Kotba Melleħin (P/3/5)

2.5.2. Saret referenza għal minuta 4.7.1. tas-seduta preċedenti dwar l-istampar tal-ktieb bl-isem "*Quest for identity – The Mellieħa Experience*" tas-Sur Paul P. Borg.

2.5.3. Is-Segretarju għarraf li saret sejħa għal stimi sabiex jiġi stampat u llegat l-istess ktieb. Is-sejħa tagħlaq nhar it-Tnejn 22 ta' Frar 2010 f'nofsinhar.

2.5.4. Is-Sindku qal li huwa qed jimmira li dan ix-xogħol ikun lest sa qabel tibda l-konferenza dwar it-tagħlim tal-lingwi f'Mejju 2010, bil-għan li kull delegat ikun jista' jingħata kopja.

### 2.6.1. Laqgħa bejn Birdlife Malta u l-Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti Melleħin (A/4/5/Vol II)(K/3)

2.6.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.8.1. tas-seduta preċedenti u għarraf lill-Kunsill illi Birdlife Malta ntalbu jgħaddu l-aġenda tal-laqgħa li huma qed jipproponu mal-Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti tal-Mellieħa.

2.6.3. Is-Sur R. Cutajar qal li b'dispjaċir huwa nnota li l-Kunsill ma ġiex mistieden jattendi l-protesta nazzjonali dwar l-ambjent li ġiet imsejħa għas-6 ta' Marzu 2010, mill-Birdlife Malta, Flimkien għall-Ambjent Aħjar u n-Nature Trust. Dan minkejja li l-Mellieħa għandha fost l-ikbar żona rurali fil-pajjiż.

### 2.7.1. Riforma fit-Trasport Pubbliku u Xogħlijiet fi Triq il-Kbira (T/5/1/Vol II)(T/4/13/Vol X)

2.7.2. Saret referenza għall-minuta 11.2. tas-seduta preċedenti dwar il-kuntatti li kienu għaddejjin bejn il-Kunsill u l-Ministeru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni u l-Awtorita` tat-Trasport.

2.7.3. Il-Viċi-Sindku E. Bartolo qal li tħejjiet pjanta mill-periti M.P. & D.C. Ltd li tindika t-*turning circles* b'vetturi sa tmien metri tul, fi Triq Dun Franġisk Sciberras u Triq Franġisk Zahra. Huwa qal ukoll li l-proposti mressqa qed jiġu kkunsidrati.

2.7.4. Is-Sindku kkummenta li minbarra l-eliminazzjoni tal-karozzi tal-linja minn Triq Ġorġ Borg Olivier, jista' jkun hemm qbil fuq arranġamenti ġodda tat-traffiku bħalma hija l-introduzzjoni ta' sistema ta' *one-way*, li tkun tinvolvi t-twessiegħ tal-bankini. Għal din ir-raġuni kien hemm qbil li r-*resurfacing* ta' Triq il-Kbira għandu jkun limitat bejn Triq in-Naħal u Triq Franġisk Zahra, bix-xogħlijiet jibdew wara s-sajf 2010. Dan il-pjan ġie propost wara li saret laqgħa bejn il-Kunsill, il-Perit Daniel Cordina min-*Network Infrastructure Directorate* tal-ADT u l-*Contract Manager* M.P. & D.C. Ltd. Tfasslet ukoll rotta alternattiva għat-traffiku għal meta Triq il-Kbira tkun magħluqa waqt li jkunu għaddejjin ix-xogħlijiet. Kien hemm qbil ukoll li l-pjanijiet imsemmija għandhom jiġu spjegati lill-kumunita` kummerċjali u lill-pubbliku.

2.7.5. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa.

**2.8.1. Proġett "*2 Coasts – 1 Europe*" fil-Polonja (P/10/6)**

**2.8.2.** Il-Kunsillier H. Fenech irrefera għall-minuta 13.1. u għarraf li dati taż-żjara fil-Polonja nbidlu u ser issir bejn it-18 u t-28 ta' Marzu 2010.

**2.8.3.** Is-Sindku qal li l-grupp ser ikun jikkonsisti minn ħmistax-il persuna żgħażagħa li ser ikunu akkumpanjati mill-Viċi Sindku E. Bartolo u l-Kunsillier H. Fenech. Huwa qal li l-ispiża totali tal-vjaġġ ser tammonta għall-€7,102 filwaqt li ż-żgħażagħ ser jintalbu jħallsu €150 kull wieħed, filwaqt li l-bqija saru talbiet sabiex tingħata għajnuna mill-Fond tal-Kofinanjament, u minn Green MT bil-għan li jinġieb *sponsorship*.

**2.8.4.** Il-Kunsill innota l-iżviluppi li kien hemm dwar dan is-suġġett.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- Skeda ta' Pagamenti – 13/01/10 – 02/02/10
- *Purchase Request Form* – 08/02/10
- Skeda ta' korrispondenza li waslet
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet
- Stqarrijiet Finanzjarji – April – Diċembru 2009

## 4.0. Korrispondenza

**4.1.1. *Trans-European Road Network* - Triq tal-Ghadira (T/3/3/Vol IV)**

4.1.2. Saret referenza għal ittra datata 22 ta' Jannar 2010, mibgħuta mill-MEPA fejn il-Kunsill intalab jagħti l-kummenti tiegħu dwar l-applikazzjonijiet li saru mill-Awtorità tat-Trasport - PA 330/09; PA 331/09 u PA 332/09 - li jinvolvu t-triq il-ġdida tal-Għadira. Is-Segretarju fakkar ukoll li l-MEPA sejħet laqgħa dwar dan is-suġġett fit-3 ta' Frar 2010.

4.1.3. Il-Viċi Sindku E. Bartolo għarraf li huwa attenda l-laqgħa msemmija flimkien mal-Kunsillier J. Buttigieg. Fl-istess laqgħa ġie rilevat min-naħa tal-Kunsill li l-moll (ħajt) li sar bejn il-Moll tat-Tunnara u l-ewwel ramla mhux l-unika kawża li qed iġġib l-erużjoni tar-ramla. Dan billi jeżistu studji xjentifiċi li jipprovaw illi l-kurrenti fil-baħar ġew affettwati bil-bini ta' *breakwater* li jingħaqad mal-Moll tat-Tunnara. Is-Sur E. Bartolo rrefera wkoll għall-minuti li ġew imressqa wara l-laqgħa msemmija. Huwa ġibed l-attenzjoni li għandha tintalab korrezzjoni fihom f'dan is-sens.

**4.2.1. Sanzjonar u estensjoni ta' kjosk fl-Għadira (P/5/8/G)**

4.2.2. Saret referenza għal applikazzjoni PA 2983/09 sabiex jiġi approvat tibdil li sar fuq Paul Tanti Kiosk, kif ukoll sabiex l-istess kiosk jitkabbar.

4.2.3. Il-Kunsill qabel li għandha titressaq oġġezzjoni għal din it-talba bil-għan li ma jiżdiedux strutturi permanenti għal skopijiet kummerċjali fuq ix-xtut. Kien hemm qbil ukoll li m'għandux ikun hemm aktar strutturi li oriġinarjament kienu ngħataw permess ta' *encroachment* bħala strutturi temporanja.

**4.3.1. Skema ta' Finanzjament għal Restawr ta' Postijiet Storiċi Żgħar (F/1/7)**

4.3.2. Inqara Memo 21/2010, datat 25 ta' Jannar 2010, mibgħut mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Fl-istess memo tħabbar illi tnediet skema li l-għan ewlieni tagħha hu li postijiet storiċi żgħar fil-lokalitajiet ikunu jistgħu jiġu restawrati mill-Kunsilli Lokali stess. Il-Kunsill huwa mitlub li:

- jibgħat applikazzjoni b'ittra;
- jispeċifika x'tip ta' restawr hemm bżonn;
- jibgħat ritratti tal-post;
- jgħid f'idejn min qiegħed dan il-post u l-proprjetà ta' min hi;
- jgħid jekk il-Kunsill għandux titolu fuqu; u
- jagħti stima approssimattiva ta' kemm jiswa l-proġett ta' restawr.

4.3.3. Is-Segretarju għarraf li jistgħu jintalbu aktar dettalji ta' dawk il-proġetti li jiġu *shortlisted* u hemm il-ħsieb li jintagħżlu għaxar proġetti għas-sena 2010. Billi d-data tal-għeluq kienet ser tiġi qabel is-seduta, ittieħdet azzjoni fis-sens li saret applikazzjoni għall-finanzjament tat-tindif u restawr tad-*Defence Post* ta' Triq l-Għollieqa.

4.3.4. Il-Kunsill qabel mal-azzjoni li ttieħdet

### 4.4.1. Imblukkar ta' passaġġ minn Triq l-Etna għax-xifer (T/4/8/2)

4.4.2. Saret referenza għal e-mail datata 8 ta' Frar 2010, mibgħuta mis-Sur John Grima ndirizzata lill-Uffiċċju Konġunt u kkuppjata lill-Uffiċċju tal-Prim Ministru u lill-Kunsill Lokali, dwar is-suġġett t'hawn fuq. Fl-istess ittra, is-Sur Grima lmenta dwar l-azzjoni meħuda mill-Uffiċċju Konġunt billi s-sentenza li ngħatat mill-Qorti fil-każ ta' John Collison, ġietx interpretata b'mod korrett. Is-Sur Grima allega wkoll li fl-1904 il-Knisja ħalliet lill-Gvern juża l-art tagħha għal skopijiet militari. Għaldaqstant meta sussegwentement il-Knisja ttrasferiet l-art tagħha lil Collison, l-att relattiv qatt ma kellu jinkludi wkoll l-art tal-Gvern.

4.4.3. Is-Sindku qal li dan il-każ tqajjem waqt il-Laqgħa Annwali tal-Lokalita` li saret fil-11 ta' Frar 2010 u għalhekk jagħmel sens li ssir laqgħa fuq il-post ma' uffiċjali mill-Uffiċċju Konġunt sabiex jiġi stabbilit għaliex l-istess uffiċċju interpreta s-sentenza mogħtija b'tali mod li mblokka totalment l-aċċess għall-art in kwistjoni u l-użu ta' passaġġ li jwassal għal fuq ix-xifer. Dan minkejja wkoll illi l-art kienet ġiet skeda mill-MEPA.

4.4.4. Ġie mfakkar li l-art involuta hija protetta permezz ta' Avviż Nru. 681 pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tal-25 ta' Awwissu 2000. Bis-saħħa tal-istess avviż, il-MEPA iddikjarat iż-żona bħala waħda ta' importanza ekoloġika u xjentifika tat-Tieni Livell, skond il-poteri li jagħtuha l-*policies* RCO 10.8 u RCO 12.2 tal-Pjan ta' Struttura. Forma oħra ta` protezzjoni kienet ingħatat meta l-bini militari eżistenti fuq l-istess sit, ġie skedat permezz ta` Avviż 895 li deher fil-Gazzetta tal-Gvern tat-8 ta' Ottubru 2002, bis-saħħa ta' *Policy* UCO 7 tal-Pjan ta' Struttura. Il-*policy* NWML 11 tal-Pjan Lokali titkellem ukoll dwar din iż-żona fuq l-istess linji.

4.4.5. Kien hemm qbil li għandha ssir laqgħa fuq il-post mad-Direttur tal-Uffiċċju Konġunt – is-Sur Vince Gilson – sabiex tiġi ċċarata l-posizzjoni dwar l-aċċess fuq art li hija pubblika.

### 4.5.1. Parkeġġ riżervat fi Triq l-Iżbark tal-Franċiżi (P/8/2/Vol III)

4.5.2. Saret referenza għal ittra datata 5 ta' Frar 2010, mibgħuta mis-Sur Robert Vella li lmenta li l-parkeġġ li ġie allokat għal persuna b'diżabilita` li toqgħod faċċata tat-dar tiegħu f'Nru. 162, qed jikkawża nkonvenjent lill-familja tiegħu minħabba raġunijiet ta' saħħa, kif ukoll għal raġunijiet ta' sigurta` kemm-il darba tfal jaqsmu minn wara l-vettura ta' Cilia tkun ipparkjata hemmhekk. Is-Sur Vella allega wkoll li dan il-parkeġġ riżervat ma' tibbenefikax minnu l-persuna b'diżabilita`, iżda qed jintuża mill-ġenituri tagħha biex il-vettura tagħhom tkun qrib id-darhom.

4.5.3. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li permezz ta' ittra datata 21 ta' Jannar 2010, l-avukat ta' Cilia sostna li mhux minnu li l-familja Cilia għandha żewġ parkeġġi riżervati. Dan għaliex dak oriġinali, eżattament quddiem ir-residenza tagħhom kellu jiċċekken biex ma jxekkilx l-aċċess għal fond li hemm biswit, wara li dan beda jintuża bħala garaxx. Intqal ukoll li l-Awtorita` tat-Trasport, naqset li tikkonsulta lill-familja Cilia qabel irrakkomandat lill-Kunsill sabiex jispostja l-area riżervata b'madwar 50 metru, minn quddiem ir-residenza ta' Vella għal aktar ġewwa fit-triq. Intqal ukoll li r-residenza ta' Vella għandha *driveway*, li faċilment jista' jsir *parking* fiha, mingħajr il-ħtieġa li juża t-triq għall-istess għan.

4.5.4. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill qabel li l-arranġament eżisti għandu jibqa' billi:

- d-diżabilita` tal-persuna konċernata ġiet rikonoxxuta mill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni B'Diżabilita` bil-ħruġ ta' karta tal-identita` speċjali;
- il-periklu msemmi minn Vella xorta waħda jibqa' kieku kellu jiġi spustjat il-parkeġġ riżervat, għar-raġuni jista' jipparkja ħaddieħor;
- id-deċiżjoni finali għandha tittieħed u tiġi mplimentata mill-Awtorita` tat-Trasport, skond il-prassi, wara konsultazzjoni mal-partijiet kollha, inkluż il-familja Cilia

**4.6.1. Sejħiet għall-offerti (T/4/5/Vol IV)(K/6/4)**

4.6.2. Is-Segretarju għarraf li fit-28 ta' Jannar 2010 għalqu l-sejħiet għall-offerti Nru. 10/2009 u 11/2009 li jinvolvu s-Servizz ta' Tindif f'Toroq Urbani u Servizz ta' Manutenzjoni fuq Tabelli u Sinjali tat-Traffiku, rispettivament. Fir-rigward tal-ewwel saru żewġ offerti, filwaqt li fil-każ tat-tieni kien hemm offerta waħda.

4.6.3. Il-Kunsill qabel li dawn l-offerti għandhom jiġu evalwati mit-*Tender Adjudication Board* fl-laqgħa li ssir fit-23 ta' Frar 2010.

**4.7.1. Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (REŻR) 2007-2013 (E/6)**

4.7.2. Saret referenza għall-Memo 33/2010 datat 15 ta' Frar 2010, fejn tħabbar li fil-futur qarib, id-Diviżjoni għall-Ippjanar u l-Kordinazzjoni tal-Prijoritajiet (PPCD) fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru, se tniedi sejħa għal proposti ta' proġetti li se jkunu parzjalment iffinanzjati mill-Unjoni Ewropea taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) 2007-2013. L-applikazzjonijiet sottomessi għandhom ikunu għal proġetti li jaqgħu taħt l-Assi ta' Prijorita' 4 – Mitigazzjoni u Adattament għat-Tibdil fil-Klima (settur: enerġija) taħt tal-Programm Operattiv I '*Ninvestu fil-Kompetittivita' għall-Kwalita' ta' Ħajja Aħjar*':

**a) Is-sejħa hija ristretta għal interventi li jirrigwardaw l-użu effiċjenti tal-enerġija u sorsi rinovabbli tal-enerġija fl-infrastruttura minn Kunsilli Lokali;**

**b) Il-bini fejn ikun ser isir il-proġett għandu jkun proprjetà tal-Kunsill jew inkella tal-Gvern; u**

**c) Il-proġett sottomess m'għandux ikollu implikazzjoni ta' għajnuna mill-istat.**

4.7.3. It-total indikattiv tal-allokazzjoni finanzjarja għal din is-sejħa huwa ta' €3.5 miljuni. Il-Kunsilli li jixtiequ japlikaw għandhom jieħdu nota ta' dan l-ammont. Il-proposti għandhom jibqgħu fil-limiti tal-baġit tas-sejħa, iżda l-PPCD tirriserva id-dritt li tagħżel iktar minn proġett wieħed jekk tħoss li dan hu xieraq u skont il-miri tal-Programm Operattiv.

4.7.4. It-tnedija tas-sejħa nnifisha kif ukoll id-dettalji dwar is-Sessjonijiet ta' Informazzjoni relatati se jiġu ppubblikati fi żmien qasir. L-avviż preliminari sar sabiex il-Kunsilli Lokali ikollhom aktar żmien għat-tħejjija tal-proġetti.

4.7.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi ppropona li l-applikazzjoni tista' tkun tinvolvi l-installazzjoni ta' sistema ta' pannelli fotovoltaiċi fuq il-bejt tal-Iskola Primarja.

**5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti**

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 8 ta' Frar 2010.

5.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-iskeda.

**6.1. Talbiet għal Ħlasijiet ta' Servizzi u Materjal**

6.2. Tressqet skeda ta' pagamenti mitluba bejn it-13 ta' Jannar 2010 u t-2 ta' Frar 2010.

6.3. Il-Kunsill ra l-kontenut tal-iskeda u approva l-pagamenti elenkati.

**7.1. Tħejjijiet għal Jum il-Kunsill 2010 (A/5/3/1/Vol XI)**

7.2. Is-Sindku ressaq skeda ta' spejjeż previsti b'rabta mas-serata tal-ġimgħa 26 ta' Frar 2010, fejn issemmew ukoll l-i*sponsors* li ser ikunu qed jagħtu l-kontribut tagħhom biex jitnaqqsu l-ispejjeż.

7.3. Huwa għarraf ukoll li d-ditta Lighthouse Communications lesti jisponsorjaw 500 kopja tas-CD tal-*musical* "L-Imħabba Fuq l-Għolja". Billi dan il-*musical* huwa ġabra ta' xogħlijiet mill-grupp New Cuorey, 150 kopja tas-CD ser tingħata lill-membri ta' dan il-grupp bħala *royalties*. Aktar kuntatti dwar din il-materja ser għadhom għaddejjin.

7.4. Is-Sur R. Cutajar issuġġerixxa wkoll li minn sena għal'oħra għandu jingħata rikonoxximent li minn ikun ta servizz lill-Kunsill. Għalhekk għall-edizzjoni li jmiss huwa ppropona li s-Sinjuri Anne Attard u Odette Zammit, li sas-sena l-oħra kienu parti mis-Segretarjat tal-Kunsill, għandhom jingħataw tifkira ta' dan ir-rikonoxximent.

7.5. Sar aċċenn ukoll li s-Sur Timothy Gronow għadu kemm temm il-kariga bħala president tal-British Residents' Association. Anniversarji li qed jiġu mfakkra din is-sena huma: it-30 sena mit-twaqqif tal-Mellieħa Stage Friends; l-10 sena mit-twaqqif tal-Art Club 2000; u l-20 sena mit-twaqqif tal-Mellieħa Football Nursery. Huwa ppropona li dawn l-avvenimenti għandhom jiġu rikonoxxuti u ssir referenza għalihom waqt is-serata, kif ukoll jiġi ppreżentat memento ta' tifkira.

7.6. Il-Kunsill qabel mal-proposti mressqa mis-Sindku aktar 'il fuq.

## 8.1. Għoti ta' onorefiċenzi (A/5/3/1/Vol XI)

8.2. Il-Kunsill iddeċieda li dan is-suġġett għandu jiġi diskuss waqt il-kontinwazzjoni tas-seduta fit-23 ta' Frar 2010 fis-7.00pm.

## 9.1. Ftehim dwar il-ġbir ta' skart tal-ippakkeġġjar u skart reċiklabbli ieħor (K/6/2/Vol V)(K/6/10/Vol III)

9.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li saret laqgħa li attendew għaliha il-Kunsillier J. Azzopardi u s-Segretarju C. Debono, flimkien ma' rappreżentanti tal-Green MT Ltd, Joseph Attard u Marcella Zahra. Fl-istess laqgħa ġew spjegati l-esiġenzi tal-lokalita` indikati fis-seduta preċedenti. Is-Sur Attard ikkonferma li Green MT Ltd lesta twaħħal *housing* tal-*cameras* fil-postijiet li jindikalha l-Kunsill, filwaqt li tipprovdi *camera* waħda li tiġi mċaqalqa minn żmien għal żmien. Ikun l-obbligu tal-Kunsill li f'każ ta' abbużi juża l-filmati bħala xiehda meta jsiru rapporti lill-Pulizija. Ġie kkonfermat ukoll li jistgħu jiġu pprovduti *litter bins* fil-ġonna pubbliċi u l-bajjiet li jkunu bir-riklami. Green MT lesti wkoll li jħallsu d-depożitu ta' €2,000 lill-Wasteserv Malta Ltd sabiex ikun jista' jsir użu mill-*waste recyling bins* tagħhom għal perjodu ta' ħames snin. Green MT kellhom jgħaddu abbozz tal-ftehim ralattiv.

9.3. Is-Sindku għarraf li l-ftehim ma' Green MT Ltd ser jiġi ffirmat, flimkien ma' Kunsilli Lokali oħra li laħqu ftehim magħhom, fit-23 ta' Frar 2010 fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali tal-Isla, waqt konferenza stampa.

## 10.1. Kiri ta' waste *recycling bins* fil-*bring-in sites* (K/6/10/Vol III)

10.2. Is-Segretarju rrefera għall-minuti tas-Seduti 32 u 33 dwar il-ftehim li qed tipproponi l-Wasteserv Malta Ltd biex ikun jista' jsir użu mill-*waste recycling bins* tagħhom wara li huma jtemmu s-servizz li offrew s'issa.

10.3. Il-Kunsill awtorizza lis-Sindku u lis-Segretarju jiffirmaw il-ftehim imsemmi.

## 11.1 Kuntratt dwar il-Kostruzzjoni ta' Post ta' Rikrejazzjoni fil-wesgħa bejn Triq il-Miġbħa, Għasel u Xehda (P/4/23/Vol II)

11.2 Is-Segretarju għarraf lill-Kunsill illi fl-4 ta' Frar 2010, il-Bord tal-Appelli dwar l-Offerti beda jisma l-kontesstazzjoni li saret mill-offerent North 2 South Ltd dwar il-kuntratt li jinvolvi l-kostruzzjoni tal-*playing field* u ġnien pubbliku fil-post imsemmi hawn fuq. L-Avukat tal-Kunsill qajjem eċċezzjoni li l-Bord jista' biss jikkonsidra kontesstazzjonijiet sa offerti li l-valur tagħhom ma jaqbisx €12,000 u għalhekk f'dan il-każ, l-istess bord m'għandux kompetenza. L-avukat tal-appellant qed jsostni li dan messu tqajjem mill-ewwel. Il-Bord ser jinnotifika lill-partijiet meta jiddeċiedi fuq il-kwistjoni tal-kompetenza.

11.3 Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 12.1. Skema dwar l-installazzjoni ta' pannelli solari u fotovoltaiċi (E/6)

12.2. Il-Kunsillier P. Cutajar ippropona li bħalma sar fil-lokalita` ta' San Lawrenz, ir-residenti talMellieħa għandhom jiġu mitluba juru l-interess tagħhom jinvestu fl-installazzjoni tat-tagħmir imsemmi. Il-Kunsill, min-naħa tiegħu għandu joħroġ sejħa għall-importaturi ta' dan it-tagħmir bil-għan li bil-għajnuna ta' nies tekniċi ssir evalwazzjoni dwar minn ikun għamel l-aħjar offerta għall-prezz mitlub. B'dan il-mod ir-residenti jkunu qed jiġu mħajra jinvestu

f'tagħmir li jiffranka l-konsum tal-elettriku. Huwa qal li l-iskema prevalenti hija għal żmien limitat u għalhekk jeħtieġ tittieħed azzjoni fi żmien qasir.

12.3. Is-Sindku ppropona li għandhom jsiru rappreżentazzjonijiet mal-Awtorita` tar-Riżorsi sabiex jiġi stabbilit jekk din l-iniżjattiva minn naħal tal-Kunsill, hijiex vijabbli.

## 13.1. Ramla tat-Torri/Rdum tal-Madonna *Management plan* (A/4/5/Vol II)

13.2. Is-Sindku għarraf li l-Birdlife Malta għarrfet li qed jitħejja pjan għat-tmexxija ta' żona li tkopri mill-Irdum tal-Madonna sar-Ramla tat-Torri l-Abjad, inkluż l-area ndikata għall-ikkampjar fil-bidu ta' Triq Daħlet ix-Xmajjar. Is-Sur R. Cutajar qal li l-area oriġinali kellha tkun marbuta mal-Proġett Garnija ffinanzjat mill-EU LIFE. In vista ta' dan l-iżvilupp intbagħtet ittra ta' protesta lill-MEPA, li t-tmexxija ta' areas vasti minn għaqdiet ambjentali, ħafna drabi tqajjem annimosita` u suspetti ma' min ikollu rabta mal-istess artijiet, bħalma ġara fir-rigward tal-Park tal-Majjistral.

13.3. Għaldaqstant ġie ssuġġerit li t-tmexxija finali għandha tkun f'idejn il-Gvern jew aġenziji pubbliċi bħalma hija l-MEPA. Is-sehem tal-NGO's għandu jkun wieħed konsultativ.

13.4. Il-Kunsill approva l-azzjoni li ttieħdet.

## 14.1. Korsijiet organizzati mill-Kunsill (E/3/1/9/Vol III)(E/3/1/Vol VIII)

14.2. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li ser jiġu kkunsidrati applikazzjonijiet għal kors tal-kompjuter immirat għal persuni li jmexxu negozji żgħar. Dan ser ikun mingħajr ħlas u qed jiġi kordinat minn TCTC Ltd u ffinanzjat minn HSBC Bank, Air Malta u Maltapost.

14.3. Is-Sur R. Cutajar għarraf ukoll li għaddejjin kuntatti sabiex flimkien ma' CareMalta Ltd jsiru żewġ korsijiet separati dwar it-tqandil ta' persuni morda u dwar id-marda tad-dimentia. Dawn il-korsijiet jinvolvu spiża ta' €175 kull wieħed.

14.4. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa.

## 15.1. Action 1.1. Town Twinning Meetings – Proġett Mellieħa By Night (P/10/7)

15.2. Is-Sindku għarraf li saret applikazzjoni taħt il-programm ta' finanzjament tal-Unjoni Ewropea li jinvolvi l-lokalitajiet ġemellati mal-Mellieħa – Adenau, Cavriglia u Agia Napa – li jinvolvi arti, kultura, storja u l-gastronomija. It-tliet kunsilli lokali esprimew li jixtiequ jipparteċipaw f'dan il-proġett li huwa ppjanat li jitwettaq waqt l-Iljieli Melleħin 2010.

15.3. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet.

## 16.1. Stqarrijiet Finanzjarji – April / Diċembru 2009 (F/1/2/Vol VI)

16.2. Għall-preżentazzjoni tal-*Financial Statements* li tqassmu qabel is-seduta, attenda l-*Accountant* is-Sur Christian Vella. Huwa qal li kif jidher mir-rapport is-sena finanzjarja kienet ta' disa' xhur biss - bejn April u Diċembru 2009. Huwa qal li sa Diċembru 2009 kien hemm likwidita` biżżejjed biex tlaħħaq mal-krendituri tant li ġie reġistrat *surplus* għas-sena ta' €295,154. L-istess krendituri kienu jammontaw €39,351 bħala Payables u €49,827 bħala *Accruals and Deferred Income*. Jirriżulta li huma kontijiet dovuti fuq xogħlijiet u servizzi li ngħataw bejn April u Diċembru 2009 li l-kontijiet tagħhom kienu għadhom ma daħlux fil-kotba. Dan kontra l-bilanċ ta' € 833,745, miżmuma fil-banek.

16.3. Huwa qal li d-dħul tal-Kunsill fis-sena koperta bir-rapport kien sostanzjalment iktar mis-sena preċedenti meta jittieħed proporzjonalment, liema dħul kien jammonta għal €856,459 fuq medda ta' disa' xhur.

16.4. Is-Sindku rrefera għall-item Nru. 3 tal-Isqarrijiet Finanzjarji u staqsa minn x'hiex huwa magħmul l-*Other Government Income*. Is-Sur C. Vella wieġeb l-figura ta' €98,000 kienet imqassma kif jidher hawn taħt:

| | |
|---|---|
| Skema Fondi Bżonnijiet Speċjali | €23,000 |
| Premju Lokalitajiet Indaf | €30,000 |
| *Local Enterprise Award* | €40,000 |
| *Local Green Challenge Award* | € 5,000 |

16.5. Is-Sur C. Vella qal li s-sorsi tad-dħul baqgħu l-istess bħal tas-sena preċedenti, għalkemm kien hemm ammont sostanzjali ta' €18,433, li l-Kunsill daħħal bhala *sponsorship* b'risq l-attivitajiet kulturali li ġew organizzati. Magħhom kien hemm ukoll €10,433 li tħallsu bħala miżati għall-korsijiet li ġew organizzati, b'mod partikulari għas-*summer camp* – AvventuraSajf 2009. Ġie spjegat li kien hemm dħul €3,526 mis-Sistema tal-Infurzar Lokali wara li nqatgħu l-ispejjeż.

16.6. In-nefqa fuq is-Salarji kienet għola mis-sena preċedenti bl-impjieg ta' żewġ persuni *full-time*.

16.7. Iż-żieda fl-infieq fuq il-Ġbir ta'l-Iskart kien dovuta minħabba t-*Tipping Fees* li ġew introdotti mill-WasteServ Malta Ltd b'effett minn Ottubru 2009.

16.8. Is-Sindku kkummenta li mill-vot tal-Attivitajiet Kulturali jagħmel tajjeb fost oħrajn għall-attivitajiet kulturali skond il-ftehim li jeżisti mat-tliet għaqdiet mużikali tal-Mellieħa. Huwa ppropona li dan jiġi kklassifikat taħt is-Servizzi Komunitarji.

16.12. Wara l-ispjegazzjonijiet li ngħataw, is-Sindku ressaq mozzjoni li tgħid:

***"Billi r-Rapport Finanzjarju għad-disa' xhur – April /Diċembru 2009, ġie spjegati fid-dettal waqt seduta tal-Kunsill; u***

***Billi ma kienx hemm punti li baqa` lok ta` aktar diskussjoni dwarhom wara li Kunsill kien konvint li r-rapport imressaq jirrifletti l-andament ta` l-operat tiegħu matul is-sena finanzjarja mqassra li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2009;***

***Il-Kunsill japprova r-Rapport Finanzjarju u għaldaqstant jawtorizza lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jiffirmawh u jgħadduħ lill-Awditur Ġenerali skond il-Proceduri tal-2005 dwar Kunsilli Lokali (Verifika).".***

16.13. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li kienet issekondata mill-Kunsillier C. Bartolo.

## 17.1. Park tal-Majjistral (A/4/10)

17.2. Is-Sindku għarraf li fl-aħħar laqgħa li saret tal-Kumitat li jmexxi l-park, il-Kunsill intalab sabiex jikkontribwixxi bit-twaħħil mill-ġdid tat-tabelli li ġew vandalizzati fis-sit postijiet tad-dħul għall-istess park. Is-Sur R. Cutajar esprima ruħu favur li l-Kunsill jikkontribwixxi f'dan ir-rigward.

17.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li t-tabelli għandhom jerġgħu jitwaħħlu wara li ssir il-laqgħa għall-i*stakeholders* kollha fejn ser jingħata tagħrif dwar l-inizjattivi li ser jittieħdu.

## 18.1. Kumitat tal-Lukandiera (T/12)

18.2. Is-Sindku ppropona li għandu jitwaqqaf kumitat li jiġbor fih il-lukandiera kollha li joperaw fil-lokalita` biex jiġu diskussi problemi li jkunu qed jaffaċċjaw illi huma ta' relevanza għall-Kunsill Lokali, kif ukoll dwar inizjattivi u attivitajiet organizzati mill-Kunsill. Is-Sur R. Cutajar qal li huwa jippreferi li fuq dan il-kumitat ikun hemm is-sidien tal-lukandi aktar milli l-*general managers*.

18.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

## 19.1. Vittmi tal-għargħar f'Messina (M/6/Vol V)

19.2. Is-Sindku għarraf li fil-ġimgħat li ġejjin ser jinġiebu Malta 120 tifel u tifla mill-belt ta' Messina fi Sqallija li sfaw trawmatizzati bl-imwiet u l-ħsara li grat fil-proprjeta` ikkawżata mill-għargħar u tajn li ngarr mill-ilmijiet, f'Ottubru 2009. Dawn ser jinġiebu fi tliet gruppi ta' sittin-il wieħed. Is-Sur R. Cutajar ippropona li waqt iż-żjara f'Malta, dawn jiġu mistiedna jżuru postijiet ta' interess fil-Mellieħa u jiġi organizzat għalihom *tournament* tal-futball taħt il-15-il sena, bil-kollaborazzjoni mal-Mellieħa Football Nursery. It-tfal ser ikunu ospitati mill-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta. Iż-żjara tagħhom ser tingħata pubbliċita` permezz ta' filmati li nġibdu f'Messina mill-kumpanija Where's Everybody, bil-għan li jinsabu 25 voluntier minn Malta sabiex jmorru jagħmlu xogħol umanitarju fl-inħawi milquta.

19.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

**20.1. Animal Fest 2010 (A/5/3/Vol X)**

20.2. Il-Kunsillier H. Fenech ippropona li l-edizzjoni tal-Animal Fest ta' din is-sena issir nhar il-Ħadd, 2 ta' Mejju 2010 f'Misraħ il-Parroċċa. Huwa qal li fl-istess jum ser ikun hemm il-maratona annwali li tiġi organizzata mill-Mellieħa Athletic Club, li tibda minn Selmun u tintemm f'Misraħ il-Parroċċa wkoll.

20.3. Il-Kunsill approva d-data proposta.

**21.1. *Tournament* tas-*Snooker* u l-*American Pool* (S/4/2/Vol III)**

21.2. Il-Kunsillier H. Fenech għarraf li l-finali tal-*league* tal-*American Pool* ser issir fil-25 ta' Frar 2010 fit-8.10pm fil-Mellieħa Sports Club, filwaqt li dak tas-*Snooker* ser isir fil-5 ta' Marzu 2010 fis-7.30pm fl-Imperial Band Club.

21.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**22.1. Arranġamenti tat-traffiku fiż-żona Ta' Fuq il-Miżieb (T/3/2/Vol IX)**

22.2. Il-Kunsillier E. Bartolo aċċenna għall-fatt li spiss qed jaħbtu vetturi fi Triq il-Vitorja kantuniera ma' Triq il-Mitħna l-Ġdida. Huwa għalhekk ippropona li Triq il-Vitorja ssir *one-way* fid-direzzjoni lejn Triq il-Mitħna l-Ġdida, billi Triq Churchill diġa hija *one-way* bil-kontra.

22.3. Il-Kunsill qabel li għandu jgħaddi din il-proposta għall-konsiderazzjoni tat-Taqsima għall-Maniġġ tat-Traffiku fi ħdan l-Awtorita` tat-Trasport.

**AĠĠORNAMENT**

L-ewwel parti tas-seduta spiċċat fil-11.00pm u tħalliet għall-kontinwazzjoni nhar it-Tlieta 23 ta' Frar 2010, fis-7.00pm.

Robert Cutajar
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**